MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru. 1360/2007

Il- Pulizija
(Spettur Anne Marie Micallef)

-vs-

James Cutajar
Wayne Fino

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija

James Cutajar, iben Rocco u Jane Margaret nee` Harris, imwieled Pieta` nhar it- 2 ta’ Frar, 1986, u residenti gewwa ‘Lilac’, 5, Flat 1, Triq Madre Maria Tereza Nuzzo, Zurrieq u detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru 71286M

U

Wayne Fino, iben Emanuel u Maryrose nee` Bellizzi, mwieled Pieta, nhar l- 10 ta' Lulju, 1986, u residenti gewwa Emmrose, 49, Triq il- Barrieri, Zurrieq, u detentur tal- karta ta' l- identita` bin- numru 316786M.

Talli f' Tas- Sliema, fl- 24 ta' Settembru, 2006, ghal- habta tal- 23.00 wrew hsieb li jaghmlu delitt b' atti esterni u taw bidu ghal- ezekuzzjoni tad- delitt; liema serq ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill- volonta` taghhom, liema serq huwa aggravat bil- hin u bil- mezz.

Wayne Fino wahdu talli gewwa Tas- Sliema fl- 24 ta' Settembru, 2006 u il- jiem ta' qabel kellu fil- pussess tieghu id- droga eroina, specifikata fl- ewwel skeda ta' l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil- pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tar- 4 u s- 6 taqsima ta' l- Ordinanza u meta kienx licenzjat jew xort` ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- dorga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta' Malta li kollu d- droga msemmija fil- pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skond ir- ricetta kif pprovduta fir- regolamenti msemmija u  dan bi ksur tar- regolament 9 tar- regoli ta' l- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l- piena skond il- ligi tordna lill- imputat ihallas l- ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal- hatra ta' l- esperti skond l- artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom waqt l-udjenza mizmuma f'l-1 ta' April

2008 u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghthom zmien biex jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(f), 263, 264, 265, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tat-Taqsima 4 u 6 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u ir-Regolament 9 ta’ l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali ta’l-imputati.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat l-koperazzjoni ta’l-imputati ma’l-pulizija, l-ammissjoni taghhom f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-fatt li huma hallas d-danni lill-parte leza u l-fedina penali taghhom li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(f), 263, 264, 265, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammisjoni ssib lill-imputat **James Cutajar** hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fil-perjodu ta’ sena (1).

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(f), 263, 264, 265, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tat-Taqsima 4 u 6 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u ir-Regolament 9 ta’ l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 fuq ammisjoni ssib lill-imputat **Wayne Fino** hati ta’l-imputazzjonijiet lilu addebietati u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fil-perjodu ta’ sentejn (2).

Il-Qorti spjegat lill-hatjai kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodi fuq indikati.

In oltre il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebieta taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------